# L-Iskema għall-Apprendistat

## Il-Linji Gwida u Regolamenti tal-2026

KUNSILL
MALTI
GĦALL-ARTI

MAĦRUĠA: Marzu 2026

## ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 360,000 | EUR 18,000 |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| Il-fond jista' jkopri sa 100% tal-ispejjeż totali tal-proġett | Pagamenti ta' €4,500 kull tliet xhur bil-quddiem pagabbli lill-ospitant |

## L-ISKEDA TA' ŻMIEN

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA' ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| Sejħa għall-Ospitanti | | |
| Is-5 ta' Mejju 2026 | It-2 ta' Lulju 2026 | L-1 ta' Jannar 2027 – Il-31 ta' Diċembru 2027 |
| Sejħa għall-Apprendisti | | |
| It-23 ta' Settembru 2026 | Il-11 ta' Novembru 2026 | L-1 ta' Jannar 2027 – Il-31 ta' Diċembru 2027 |

# 1. Introduzzjoni

L-Iskema għall-Apprendistat hija waħda mill-għodod biex tindirizza u twettaq l-istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti għall-fini ta' professjonaliżmu u tkabbir fis-setturi kreattivi u kulturali, u għalhekk hija azzjoni allinjata mal-viżjoni deskritta fl-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti.

*L-Iskema għall-Apprendistat* hija maqsuma f'żewġ sejħiet għal proposti.

- Sejħa Numru 1 hija applikabbli għal kummerċjanti waħdanija, entitajiet irreġistrati mal-Malta Business Registry, organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji, u kooperattivi rreġistrati mal-Bord tal-Kooperattivi. L-applikanti interessati li jospitaw apprendisti huma mistiedna jressqu l-proposta tagħhom. Fost l-applikanti eliġibbli hemm operaturi li l-attivitajiet tagħhom jeħtieġu input kreattiv u jistgħu jkunu involuti f'dawn is-setturi:
  - Kulturali u Kreattiv
  - Teknoloġija Diġitali
  - Disinn
  - iGaming (kumpaniji tal-imħatri esklużi)
  - Artiġjanat

- Sejħa Numru 2 hija applikabbli għal professjonisti kreattivi li għandhom mill-inqas kwalifikazzjoni rikonoxxuta f'livell 5 tal-MQF (applikanti li għandhom kwalifiċi ogħla jistgħu wkoll jiġu kkunsidrati).

Dan il-programm jirrifletti l-isforz għal aktar professjonalizzazzjoni tas-settur kulturali u kreattiv, il-promozzjoni ta' kultura intraprenditorjali fost il-kreattivi, u t-titjib ta' ħiliet tekniċi u vokazzjonali. Jipprovdi wkoll opportunitajiet biex isaħħaħ il-bażi tal-għarfien u l-istrateġiji tal-impriżi kulturali u kreattivi. Permezz ta' investiment fi proċessi mfassla biex itejbu l-kwalità meħtieġa biex tiġġenera xogħol artistiku ta' eċċellenza, l-għan tagħna huwa li nappoġġjaw l-iżvilupp ta' ekoloġija kreattiva sostenibbli u nrawmu aktar opportunitajiet ta' xogħol fis-settur.

L-objettivi ewlenin tal-iskema huma:

- Nappoġġjaw l-iżvilupp professjonali tal-professjonisti kreattivi;
- Inrawmu eċċellenza fl-oqsma tal-arti u l-kultura, u l-avvanz tal-għarfien u l-kapaċitajiet f'oqsma marbutin magħhom;
- Ninkuraġġixxu tkabbir intellettwali professjonali;
- Ninkuraġġixxu lill-professjonisti kreattivi jkomplu jibnu l-ħiliet tagħhom;
- Nappoġġjaw lill-impriżi li joperaw fi ħdan is-setturi prijoritarji ta' din l-iskema u li jistinkaw b'mod attiv lejn prattiċi soċjali, ekonomiċi, u sostenibbli għall-ambjent (tranżizzjoni ekoloġika).

*Attivitajiet oħrajn li mhux imniżżla hawn fuq li jissodisfaw l-objettivi ta' din l-iskema jistgħu jiġu wkoll ikkunsidrati ladarba jipprovdu biżżejjed ġustifikazzjoni*.

Rekwiżiti konformi mal-Istrateġija tal-Kunsill Malti għall-Arti u mal-impenn tiegħu li jappoġġja l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu għall-investiment pubbliku, il-KMA jiġbed l-attenzjoni tal-applikanti għal dan li ġej f'konformità mal-Istrateġija tiegħu:

L-applikanti huma mitluba jikkunsidraw id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi meta jizviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma meħtieġa wkoll jikkunsidraw il-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u deċenti għall-artisti u l-prattikanti kreattivi li jħaddnu l-libertà artistika, l-aċċessibbiltà, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

### Applikant

- F'każ ta' applikant għall-ewwel sejħa (Sejħa għall-Ospitanti), dan għandu jkun kummerċjant waħdieni, entità rreġistrata mal-Malta Business Registry (fosthom kumpaniji, sħubijiet, fondazzjonijiet, u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet), kooperattivi rreġistrati u organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji. F'każ ta' applikant għat-tieni sejħa (Sejħa għall-Apprendisti), dan irid ikun individwu (irreferi għal Taqsima 1 u 3.1). L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-*Iskema għall-Apprendistat.*

### Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, li tinkludi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formola tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.

### Attivitajiet li huma fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi:

1. Arti (letteratura, arti viżiva, mużika, arti performattiva, interdixxiplinari).
2. Servizzi ta' negozju kreattiv (disinn, arkitettura, turiżmu kulturali, u servizzi kulturali).
3. Patrimonju (artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet).
4. Midja (materjal ippubblikat u stampat, awdjoviżivi, li jinkludu produzzjoni ta' film u vidjow, servizz ta' film, televixin, video games, radju, midja online).
5. Servizzi anċillari fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi (kwalunkwe attività teknika li hija essenzjali biex tipproduċi xogħol artistiku, fosthom xogħol ta' mastrudaxxa u bini ta' sett, inġinerija ta' dwal u awdjo, eċċ.).

### Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju ewlieni huwa r-riċevitur l-għotja, f'dan il-każ l-ospitant. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel matul id-durata tal-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista' jinħareġ biss lill-benefiċjarju.

## Bord tal-Evalwazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar bord tal-evalwazzjoni għal kull sejħa fi ħdan din l-iskema. Il-bord maħtur jista’ jkun magħmul minn impjegati tal-Kunsill Malti għall-Arti u impjegati ta’ ospitanti potenzjali.

## Dokumentazzjoni obbligatorja

- Kwalunkwe dokument meħtieġ li jappoġġja l-proposta tiegħek u jgħin l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (eż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali, permessi jew oħrajn).

## Eliġibbiltà

- Qabelxejn isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-fond. L-applikazzjonijiet jiġu skrinjati biex tiġi ddeterminata l-eliġibbiltà tagħhom skont Taqsima 3 ta’ dawn il-linji gwida. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Entitajiet irreġistrati

- Entità stabbilita u rreġistrata legalment f’Malta. Entitajiet irreġistrati għandhom ikunu rreġistrati mal-Malta Business Registry, f’każ ta’ kumpanija jew sħubija skont ir-rekwiżiti tal-Att dwar il-kumpaniji, f’każ ta’ fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni skont il-Kodiċi Ċivili.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida mill-evalwaturi maħtura.

## Finanzjament Massimu

- Hemm limitu massimu ta’ €18,000 għal kull apprendistat. L-ammont mogħti jiġi deċiż każ b’każ skont l-applikazzjoni.

## Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta’ din l-iskema. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, fosthom is-sottomissjoni online tal-applikazzjonijiet jew aġġornamenti lill-proposti magħżula, għandha tiġi indirizzatta fl-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

## Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin; jew ikollhom permess ta’ residenza f’Malta; jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija; jew passaport Malti.

## Kooperattivi

- Il-kooperattivi jridu jkunu rreġistrati fil-Bord tal-Kooperattivi. Għal aktar informazzjoni żur maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti tal-Arti, li huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta, u l-Aġenzija Nazzjonali tal-Arti Performattiva.

#### Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

#### Professjonisti kreattivi

- L-individwi artistiċi u kreattivi kollha li huma attivi b'mod professjonali fis-setturi kulturali u kreattivi.

#### Żborż tal-fondi

- Din l-għotja se tiġi żborżjata kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-linji gwida u regolamenti. Se jinħareġ ċekk f'isem l-ospitant. L-applikant għandu jkollu kont bankarju attiv meta jressaq l-applikazzjoni.

# 3. L-eliġibbiltà

Qabelxejn, l-applikazzjonijiet jiġu skrinjati f'termini ta' eliġibbiltà teknika u artistika. Applikazzjonijiet ineliġibbli f'termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

**L-iskeda ta' żmien massimu biex jitwettaq il-proġett**: 12-il xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

#### Sejħa għall-Ospitanti

L-applikanti jridu jkunu ċittadini Maltin, jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta, jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija, jew passaport Malti.

L-applikanti jistgħu jkunu:

- Entitajiet irreġistrati mal-Malta Business Registry (fosthom kumpaniji b'responsabbiltà limitata, sħubijiet, fondazzjonijiet, u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);
- Kooperattivi rreġistrati;
- Kummerċjanti waħdanija;
- Organizzazzjonijiet kulturali pubbliċi
- Organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji.

#### Sejħa għall-Apprendisti

L-applikanti jridu jkunu professjonisti kreattivi li huma ċittadini Maltin jew li għandhom permess ta' residenza f'Malta, ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

- Applikanti li l-profil tagħhom fuq is-CRM tal-KMA mhux ivverifikat minħabba li hu profil mhux komplut sforz in-nuqqas ta’ dawn id-dokumenti obbligatorji:
    - kopja tal-karta tal-identità Maltija (minn quddiem u wara) jew il-permess ta’ residenza f’Malta jew iċ-ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti;
    - statut iffirmat f’każ ta’ organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jikkwalifikawx skont id-definizzjoni ta’ applikant f’din l-iskema speċifika.
- Applikanti/attivitajiet li jirċievu fondi pubbliċi permezz ta’ voti stabbiliti mill-Gvern.
- Benefiċjarji li ma onorawx impenji preċedenti ta’ finanzjament.
- Benefiċjarji li ma ressqux jew lestew għall-inqas rapport finali wieħed marbut ma’ għotja preċedenti ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti fi ħdan l-iskedi ta’ żmien stabbiliti.
- Fil-każ ta’ organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji li:
    - mhumiex iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - ma ppreżentawx il-kontijiet tagħhom aġġornati lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
    - ma għandhomx indirizz irreġistrat f’Malta.

## 3.3 X’se jkopri l-apprendistat?

L-Iskema għall-Apprendistat se tkopri r-rimunerazzjoni tal-apprendisti bejn l-1 ta’ Jannar 2027 u l-31 ta’ Diċembru 2027. L-ammont massimu żborżjat għal kull apprendistat huwa ta’ €18,000 f’sena waħda.

L-ospitant se jipprovdi lill-apprendist b’dawn ir-riżorsi:

- Taħriġ kontinwu u sħiħ fuq il-lant tax-xogħol
- Impenn ta’ ħin
- Infrastruttura
- Mentoraġġ
- Rimunerazzjoni ekwivalenti għal €18,000 matul perjodu ta’ tnax-il xahar (li huwa ffinanzjat bil-quddiem mill-Kunsill Malti għall-Arti)

## 3.4 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

- Applikazzjonijiet biex jiffinanzjaw il-ħolqien jew iż-żamma ta’ konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta’ studju jew premjijiet.
- Applikazzjonijiet għall-apprendistat li jitwettqu, parzjalment jew kollha kemm huma, b’mod remot.
- Applikazzjonijiet imressqa minn apprendisti li mhumiex professjonisti kreattivi.
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b’vot fuq linja baġitarja jew mingħajru.
- Applikazzjonijiet imressqa minn organizzazzjonijiet jew apprendisti ospitanti li d-durata tagħhom ma taqbilx għalkollox mal-Iskema tal-Apprendistat, jiġifieri mill-1 ta’ Jannar 2027 sal-31 ta’ Diċembru 2027.

- Applikazzjonijiet imressqa minn organizzazzjonijiet jew apprendisti ospitanti li mhumiex kapaċi jidħlu f'impenn ta' sena biex iwettqu l-perjodu ta' apprendistat.
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza.
- Applikazzjonijiet li huma mressqa minn organizzazzjonijiet ospitanti li mhumiex relatati mas-setturi kulturali u kreattivi, tat-teknoloġija diġitali, tad-disinn, tal-iGaming (kumpaniji tal-imħatri esklużi), tal-artiġjanat jew dawk soċjali.
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għal Taqsima 5.1 – Il-Lista ta' Kontroll.
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propaganda politika.
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, l-Iskema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta Arts Scholarships jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat b'risq l-arti/kultura Maltija.
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew minn riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti.

Kwalunkwe attività oħra li tista' tiġi żviluppata lil hinn mill-ambitu taL-Iskema għall-Apprendistat mhix eliġibbli għal appoġġ.

L-apprendisti ma jistgħux jitlaqqgħu ma' ospitanti li huma qraba.

Ospitanti aspiranti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda taħt din l-iskema. Madankollu, apprendist <u>wieħed biss</u> jista' jiġi ospitat minn kwalunkwe organizzazzjoni.

L-apprendisti jistgħu jibbenefikaw <u>darba biss</u> minn din l-iskema. Jekk l-iskema terġa' tiftaħ, il-benefiċjari taL-Iskema għall-Apprendistat 2024 ma jkunux eliġibbli biex jerġgħu japplikaw.

# 4. L-evalwazzjoni

## Is-Sejħa għall-Ospitanti

Il-Bord Evalwattiv jibbaża d-deċiżjoni tiegħu skont dawn il-kriterji:

1. Deskrizzjoni tax-xogħol ċara u ddettaljata, li tinkludi titlu ta' deżinjazzjoni, u li tenfasizza kif l-irwol tal-apprendist se jikkontribwixxi għat-titjib tal-operat kurrenti. (20 marka)
2. Deskrizzjoni ġenerali ddettaljata tal-operat kurrenti tal-ospitant, fosthom informazzjoni bażika kif jitmexxa n-negozju, il-portafoll tal-klijienti tiegħu u servizzi/prodotti tipiċi li jipproduċi jew joffri. Id-deskrizzjoni għandha tiddikjara wkoll il-viżjoni u l-istqarrija tal-missjoni tan-negozju. (5 marki)
3. Definizzjoni tas-sett ta' ħiliet li huma marbutin direttament jew indirettament man-negozju u kif l-apprendisti se jkunu esposti għalihom. (20 marka)
4. Pjan tal-mentoraġġ u t-taħriġ li l-ospitant se jipprovdi lill-apprendist fosthom miri u kisbiet li jistgħu jitkejlu. (40 marka)
5. Konfigurazzjoni professjonali li tippromwovi prattiċi etiċi u tajba li jiggarantixxu s-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati kollha u partijiet terzi involuti fin-negozju u l-post tax-xogħol. (15-il marka)

Is-Sejħa għall-Apprendisti

Il-Bord Evalwattiv jibbaża d-deċiżjoni tiegħu skont dawn il-kriterji:

1. Iddeskrivi r-relevanza tal-attivitajiet tal-ospitant propost mal-interessi u l-kompetenzi tiegħek. (30 marka)
2. Ipprovdi ittra ddettaljata jew vidjow li jiddeskrivu l-bżonnijiet u l-motivazzjoni wara l-applikazzjoni tiegħek. Dawn għandhom juru l-fehim tal-benefiċċji professjonali fit-tul taż-żmien li tagħtik esperjenza ta' apprendistat. (20 marka)
3. Ipprovdi r-raġunament wara l-allinjament bejn il-ħiliet, l-isfond u l-aspirazzjonijiet tiegħek, u r-rekwiżiti mniżżla fid-deskrizzjonijiet tax-xogħol. (20 marka)
4. Identifika l-kwalitajiet, il-ħiliet, u l-esperjenza li se twassal lill-ospitant(i) proposti u kif dawn se jikkontribwixxu għall-missjoni mistqarra mill-ospitant(i) potenzjali. (20 marka)
5. Identifika kwalunkwe potenzjal tanġibbli għal tkabbir professjonali, fosthom il-kisba ta' ħiliet ġodda u għarfien prattiku, li inti tista' tibbenefika minnhom matul din l-esperjenza ta' apprendistat. (10 marki)

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Segwi dawn il-passi biex tapplika bħala ospitant:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk intix eliġibbli biex tapplika.
3. Imla l-applikazzjoni għall-apprendistat billi tikklikkja hawn.
4. Imla l-informazzjoni kollha mitluba mill-applikazzjoni online u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
5. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

Segwi dawn il-passi biex tapplika għal esperjenza ta' apprendistat:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa.
2. Ara jekk intix eliġibbli biex tapplika.
3. Agħfas il-ħolqa li tieħdok fuq is-sistema online tal-applikazzjoni.
4. Jekk ma għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq 'Irreġistra' u imla d-dettalji.
   L-applikanti jeħtieġu jirreġistraw profil fuq is-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimagħtejn qabel id-data ta' skadenza tas-sejħa.
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha.
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta' sostenn.
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formola ta' applikazzjoni kompluta kif spjegat f'dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formoli tal-applikazzjoni tiegħek mhux se jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklussiva li jitlob lill-applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni, l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett, u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, fosthom id-dokumenti li jsostnu l-proposta.

L-applikazzjonijiet illi jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta' kontroll

Sabiex l-applikazzjonijiet ikunu kompluti, irid ikollhom:

L-Ospitanti:

- Kopja taċ-ċertifikat tal-VAT;
- Portafoll;
- Applikazzjoni mimlija li tinkludi id-deskrizzjoni tar-riżorsi li se jkunu disponibbli għall-apprendist;
- Deskrizzjoni tal-impjieg li se tiġi appoġġjata matul L-Iskema għall-Apprendistat (din tingħata lill-apprendisti meta jagħżlu lill-ospitant tagħhom);
- Ittra ta' impenn iffirmata li tistqarr l-interess li tospita u tipprovdi mentoraġġ lil apprendist bejn l-1 ta' Jannar 2027 u l-31 ta' Diċembru 2027;
- Is-CV tal-*mentor*.

L-Apprendist:

- Kopja taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni tal-VAT (jekk applikabbli);
  - Kopja ta' dokument maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għad-Dħul li juri l-applikant huwa kontribwent f'Malta
- CV iddettaljata;
- Portafoll ta' xogħol li jenfasizza l-interessi tar-riċerka u l-aspirazzjonijiet professjonali;
- Dokument l-aktar riċenti tal-Jobsplus Employment History (irid ikun maħruġ fl-2026);
- Ittra ta' motivazzjoni jew vidjow li jispjega għaliex inti tixtieq tiġi kkunsidrat għall-Iskema għall-Apprendistat
  (F'każ ta' vidjow dan ma għandux jeċċedi t-tliet minuti u jeħtieġ li jkun miftuħ b'mod li biex jiġi aċċessat ma jkollux ħtieġa ta' password. Awdjoviżwali li ma jaqbżux il-5MB jistgħu jittellgħu direttament fil-formola tal-applikazzjoni. F'każ ta' fajls akbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' ħolqa);
- Ittra/i ta' referenza mit-tutur jew *mentor* passati tal-professjonist kreattiv, kif applikabbli.

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-iskema hija kompetittiva u l-proposti jiġu evalwati minn panel ta' esperti settorjali fosthom l-ospitanti, skont il-kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kull kriterju allokat numru speċifiku ta' marki. Biex proġett jiġi kkunsidrat għal finanzjament, jeħtieġ jikseb minimu ta' 60 marka.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta' 60 marka jew aktar ma tfissirx li se tingħata l-fondi. Il-Bord tal-Evalwazzjoni jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proposti mressqa ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji tal-fond.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni għal kull proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Is-sessjoni tal-intervista

L-għan tas-sessjoni tal-intervista huwa li din tipprovdi lill-apprendisti applikanti l-opportunità jippromwovu l-proposta tagħhom lill-bord evalwattiv. Qabel l-intervista, l-applikazzjonijiet għall-għotja jkunu diġà ġew irriveduti mill-bord evalwattiv u l-maniġer tal-fund.

## 6.2 Il-komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-fond.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollecitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-maniġers, u l-evalwaturi tal-fond titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

**Il-Kunsill, taħt ebda ċirkustanza, mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija lill-ospitanti biex iwieżnu lill-apprendisti.**

Jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-fond. Il-pagamenti jiġu pproċessati biss wara li l-Kunsill Malti għall-Arti jirċievi rapport tal-*mentor* tliet xhur u ġurnal riflessiv kull tliet xhur ukoll.

L-ewwel pagament jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagamenti pendenti jiġu żborżjati wara t-tressiq tar-rapporti kull tliet xhur.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġjat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jsir fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja mogħtija għandha tintuża esklussivament għall-għan li ngħatat għalih, f'konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett titqies li mhux konformi mal-proposta inizjali jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma' rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta' monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-apprendistat kif ukoll wara t-tlestija.

Meta l-kundizzjonijiet tal-apprendistat ma jiġux onorati, il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi u/jew itemm il-ftehim.

## 7.1 Ir-rapport

Wara kull tliet xhur, l-apprendist jeħtieġ iressaq ġurnal riflessiv li jenfasizza x-xogħol li sar u l-punti ewlenin u/jew l-isfidi tal-apprendistat. Il-*mentor* se jkun mitlub jressaq rapporti kull tliet xhur. Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapporti meħtieġa li jimtlew online fuq is-CRM tal-KMA.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li juża l-materjal imressaq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirkupra jew iwaqqaf pagamenti f'każ li l-fondi mhux jintużaw u/jew qed jintużaw ħażin u/jew qed jintużaw mhux skont il-proposta mressqa.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta' lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f'dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dan il-linji gwida u regolamenti.

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni ddettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw lis-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill jifforma bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta' konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek ikunux konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk rispons dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba' ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b'hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista' ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Dawn il-Linji Gwida ġew aġġornati fit-23 ta' Marzu 2026.**